**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 14 ta' Frar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Kurt Zahra)**

**-vs-**

**Christopher Ryan, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 297494M**

***Kumpilazzjoni Nru. 201/2016***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christopher Ryan u ċioè talli:

> Nhar is-27 ta' Lulju, 2015, ghall-habta tal-11:00 minn Triq Brighella, Hamrun, ikkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta' Maria Violetta Aquilina, detentrici tal-Karta tal-Identita' b'numru 34831(M), liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u tletin centezmu (€2,329.37).
>
> Talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Rat li waqt l-udjenza tas-27 ta' Novembru, 2017, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, liema reati twettaq fuq persuna anzjana, u ghaldaqstant joholqu biss stmerija u ghajb. Ittiehdet konsiderazzjoni ukoll tal-fedina penali xejn sabiha tieghu, kif ukoll tal-*pre-sentencing report* maghmul dwar l-imputat li kien ferm informattiv dwar dak li seta' kien il-kagun sabiex l-imputat jizbarka f'din it-triq.

Illi semghet lil Prosekuzzjoni tirregistra qbil ma dak li qed jigi rakkomandat mill-Probation Officers fir-rapporti minn taghhom.

Illi issir riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza tat-18 ta' Jannar 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Farrugia**:[1]

---

[1] Per Onor. Imhallef Dr. Vincent De Gaetano

Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellant hija « irriversibbli » - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' *Probation* hu indikat biss ghal « first offenders » zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna « a window of opportunity » li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979):

Fuq dan l-insenjament, u fic-cirkostanzi ta' dak ikkonstatat anke mill-Probation Officer, il-Qorti hija disposta taghti opportunita` unika, sabiex bil-fatti issa, l-imputat jbiddel d-direzzjoni li kienet hadet hajtu. Sabiex dan jista' jsehh, fic-cirkostanzi il-Qorti jidrilha li piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261(c), 279(a), u 289 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal tlett (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**